**18 ta' Marzu, 1994**

**Imħallef:-**

**Onor Albert Manchè LL.D.**

Paul Agius fil-kwalità tiegħu ta' Managing Director ta' PTM International Limited, għan-nom u in rappreżentanza ta' l-istess soċjetà

*versus*

Andrew Sullivan, Claude Muscat u Stanley Sullivan, fil-kwalità tagħhom bħala Diretturi ta' Medrop Limited, għan-nom, fl-interess u in rappreżentanza ta' l-istess soċjetà

**Obbligazzjoni - Assunzjoni ta' Responsabbiltà - Aġent ta' l-Ivvjaġar - Prinċipal Esteru - Interpretazzjoni - Art. 1002 tal-Kodiċi Ċivili**

*L-attur aġixxa sabied jirkupra kreditu. Il-Qorti sabet illi s-soċjetà konvenuta kienet assumiet responsabilità hija stess għall-pagament u ċaħdet għalhekk l-eċċezzjoni illi l-obbligazzjoni kienet ġiet iffirmata għan-nom ta' prinċipal esteru. Meta konvenzjoni tkun ċara ma hemmx lok għal interpretazzjoni u dan a tenur ta' dak li jiddisponi l-artikolu 1002 tal-Kodiċi Ċivili.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur nomine ippremetta:

Illi fit-12 ta' Awissu, 1991 is-soċjetà konvenuta permezz tal-konvenut Claude Muscat obbligat ruħha li tirrifondi lill-attur nomine s-somma ta' tlett elef u sitt mitt Lira Maltija (Lm3600) lill-attur nomine ġie mitlub li jħallas għall-akkomodazzjoni u servizzi ta' grupp turisti Jugoslavi li kienu ġew mibgħuta f'Malta mis-soċjetà estera Travel Journeys u dan kif jirriżulta minn telex mibgħuta mis-soċjetà konvenuta lill-attur nomine u li kopja tagħha tinsab hawn annessa bħala Dokument "A".;

Illi s-soċjetà konvenuta qed tirrifjuta li tħallas dan l-ammont u dan għaliex is-soċjetà konvenuta ma rċevietx il-flus mingħand il-prinċipal tagħha Travel Journeys;

Illi l-obbligazzjoni tas-soċjetà konvenuta ma' l-attur nomine hi waħda diretta u r-relazzjoni ta' bejn is-soċjetà konvenuta u s-soċjetà estera Travel Journeys bl-ebda mod ma tinteressa lill-attur nomine;

Talab li din il-Qorti:

1. tiddikjara illi s-soċjetà konvenuta hija debitriċi ta' l-attur nomine fis-somma ta' tlett elef u sitt mitt Lira Maltija;

2. tikkundanna lill-konvenuti nomine li jħallsu lill-attur nomine s-somma ta' tlett elef u sitt mitt Lira Maltija;

Bl-imgħaxijiet legali mit-13 ta' Awissu, 1991 u bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-18 ta' Frar, 1992 kontra l-konvenuti nomine;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata w il-lista tax-xhieda ta' l-attur nomine;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti nomine li biha eċċepew:

"1. Illi s-soċjetà minnhom irrappreżentata mhijiex debitriċi lejn l-attur nomine la kif indikat fiċ-ċitazzjoni u lanqas b'xi mod ieħor u dana peress illi l-unika relazzjoni illi huma kellhom ma' l-attur kien fil-kwalità tagħhom ta' aġenti tas-soċjetà estera "Travel Journeys Ltd", soċjetà li waqfet mill-operat tagħha u li

fil-fatt huma krédituri tagħha huma stess f'ammont sostanzjali;

2. illi għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-attur nomine;

3. Salv eċċezzjonijiet oħra;"

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata w il-lista tax-xhieda tal-konvenuti nomine;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża;

Ittrattat;

Ikkunsidrat:

Illi l-attur nomine qed jibbaża t-talba tiegħu fuq id-Dokument "A" li huwa *telex* li ntbagħtlu mis-soċjetà konvenuta fit-12 ta' Awissu, 1991;

Is-soċjetà konvenuta ma tikkontestax li bgħatet it-*telex* in kwistjoni però tgħid li l-unika relazzjoni li hija kellha ma' l-attur nomine kienet bħala aġent tas-soċjetà estera "Travel Journeys Ltd.";

Ikkunsidrat:

*Illi* t-*telex* jinqara hekk:

"*Att. Mr. P. Agius*'

*Further to our telephone conversation this is to confirm that we shall be responsible for payment of Lm 3,600 in respect of the*

*group from Yugoslavia as advised by our principals "Travel Journeys" in Ireland.*

Any outstanding balances are to be discussed with Mrs. Biljana;"

It-*telex* ġie ffirmat minn Claude Muscat, "Medropa Travel Bureau", Valletta;

Il-Qorti hija tal-fehma li t-*telex* hu ċar u jikkostitwixxi obbligazzjoni da parti tas-soċjetà konvenuta u mhux obbligazzjoni għan-nom u f'isem Travel Journeys. Issa, meta konvenzjoni hija ċara ma hemmx lok għal interpretazzjoni u dan a tenur ta' dak li jiddisponi l-artikolu 1002 tal-Kodiċi Ċivili Kap 16;

Il-fatt li s-soċjetà konvenuta hija aġent tas-soċjetà estera u li din ma tatx fondi lis-soċjetà konvenuta biex tħallas l-ammont riferit fit-*telex* m'għandu ebda rilevanza għax it-*telex* ma għamel ebda riserva jew kondizzjonijiet għall-obbligazzjoni assunta fih mis-soċjetà konvenuta;

Għal dawn il-motivi tiddeċidi billi tiċħad bħala infondati l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti nomine u tilqa' t-talbiet attriċi bl-imgħax mitlub u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti nomine.